MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 2314/2004

**Middle Sea Insurance Plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet ta' Maryanne Muscat u l-istess Maryanne Muscat**
**vs**
**Citadel Insurance Plc ( C21550) bhala s-socjeta' assikuratrici ta' vettura FBG-807 permezz ta' polza mahruga f'isem Angelo Zarb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' seba' mija u sittin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (LM760.92) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi wara l-incident stradali f'Coast Road, Naxxar fis-17 ta' Mejju, 2002 meta Bruce Zarb kien qed isuq vettura FBG-807 assikurata mis-socjeta' konvenuta u habat ma vettura JBC-326 assikurata mas-socjeta' attrici, ghall-liema incident jahti unikament l-istess Bruce Zarb kopert b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta'

konvenuta, liema socjeta’ hija direttament azzjonabbli ai termini tal-Artiklu 9A (1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-Ispejjez inkluzi dawk tal-ittra uficjali tat-22 ta’ April, 2004 u bl-imghax dekoribbli mid-data tat- 22 ta’ April, 2004 sal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tas-socejta’ konvenuta fejn gie sollevat:
1) Illi fl-ewwel lok, is-socjeta’ esponenti m’hijiex il-legittima kuntradittur stante li l-art 9A tal-kap 104 citat mill-attur fit-talba tieghu ma japplikax ghal kaz in ezami u dan in kwantu (i) l-incident mertu tal-kawza sehh qabel id-data li fiha l-artiklu citat dahal fis-sehh u (ii) l-azzjoni diretta msemmija fl-istess artiklu tispetta biss lill-parti offiza (injured party) u mhux ukoll lis-socjeta’ assikuratrici tieghu;
2) Illi minghajr pregudizzju ghal premesss, l-assigurat taghha Bruce Zarb ma jahtix ghall-incident ‘de quo;’
3) Illi ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni reklamati mis-socjeta’ attrici u l-assigurata taghha huma ezagerati;
4) Illi t-talbiet attrici huma nfondat fil-fatt u fid-dritt;
5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ PS586 Joseph Brincat, John Lentini, Maryanne Muscat, Mariella Betts, Bruce Zarb, Marisa Farrugia Costa, Sean Zarb.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ra n-Nota ta’ osservazzjonijet tas-socjeta’ attrici.

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Mejju, 2002 fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq bejn vettura JBC-326 misjuqa minn Maryanne Muscat u vettura FBG-807 misjuqa min Bruce Zarb. Illi s-socjeta’ attrici bhala s-socjeta’ assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet tas-sewwieqa Maryanne Muscat .

Illi s-socjeta’ konvenuta eccepiet illi s-socjeta’ esponenti ma kienetx il-legittimu kuntradittur stante li l-Artiklu 9A tal-

Kap 104 citat mill-attur fit-talba tieghu ma japplikax ghal kaz in ezami u in kwantu i) l-incident mertu tal-kawza sehh qabel id-data li fiha l-artiklu citat dahal fis-sehh u (ii) l-azzjoni diretta msemmija fl-istess artiklu tispetta biss lill-parti offiza (injured party) u mhux ukoll lis-socjeta' assikuratrici tieghu.

Illi dan il-punt legali gie trattat quddiem Tribunal diversament presjedut u ghalhekk it-Tribunal tal-lum ta fakolta' lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijet permezz ta' Nota ta' Osservazzjonijiet kemm fuq dan il-punt u kemm fuq il-mertu tal-kawza.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli huwa minnu lli l-incident sehh qabel id-data li fih l-artiklu citat dahal fis-sehh, u huwa minnu lli l-azzjoni kontra l-assigurat ittiehdet wara li l-artiklu dahal fis-sehh. L-Art 9A tal-Kap 104 jesprimi jedd ghall-azzjoni u ghalhekk dan il-jedd fil-fehma tat-Tribunal qieghed jigi ezercitat skond il-Ligi. Fir-rigward tat-tieni punt imqajjem mis-socjeta' konvenuta, t-Tribunal huwa tal-fehma lli l-ligi taghti dritt lis-socjeta' assikuratrici li tigi surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha daqs li kieku kien hu l-assigurat.

Ghalhekk, It-Tribunal jidhirlu lli l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta lli mhijiex il-legittimu kuntradittur ghandha tigi michuda u t-Tribunal ghandu jkompli bil-hidma tieghu sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa fil-konfront tal-mertu tal-kawza.

Illi l-incident sehh fit-telgha ta' Bahar c-Caghaq fejn l-Isplash & Fun liema triq hija ta' karreggata wahda. Lli l-incident sehh meta Bruce Zarb sewwieq ta' trakk FBG-807 li kien qed isuq wara l-vettura JBC-326 misjuqa minn Maryanne Muscat ghamel surpass.

Illi fix-xhieda tas-sewwieq tat-trakk huwa jghid illi ta' quddiemu kienet miexja bil-mod u xtaq jaghmel manuvra ta' sorpass. Din il-manuvra jidher lli ghamilha u jghid illi kif appena ghamel din il-manuvra jghid illi Maryanne Muscat daret ghal fuqu. Maryanne Muscat sewwieqa tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici, tghid illi hi kienet tielgha fi

triqietha meta f'daqqa wahda semghet 'horn' u fil-pront hasset daqqa min wara u l-vettura titkaxkar mat-trakk. Hi kienet miexja bil-mod.

It-Tribunal jirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, jkollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali u gurisprudenza nostrana li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli l-parti tat-Triq fejn sar is-sorpass hija dejqa u meta gie biex jagmel il-manuvra Bruce Zarb, sewwieq tat-trakk, qala' minn wara l-vettura ta' Maryanne Muscat u gie ma gembha u mas-sorpass mess il-vettura ta' Muscat. Il-vettura ta' Miscat fil-pront waqqfet, izda is-sewwieq tat-trakk kompla miexi wara d-daqqa qabel ma waqf. Fi kliem Muscat tghid illi kien hemm *brake m*arks sa fejn kien waqaf tat-trakk. It-Tribunal huwa konvint lli t-trakk ta' dak il-kobor l-anqas induna li kaxkar il-vettura JBC-326. Zewg passigieri li kienu fil-vettura tas-socjeta' attrici  kkorroboraw il-verzjoni ta' Maryanne Muscat. Fil-waqt illi Shaun Zarb, hu Bruce Zarb li kien qieghed fit-trakk fil-hin tal-incident qal ukoll illi l-vettura ta' Muscat kienet miexja bil-mod u kif qalaghha huh din daret ghal go fihom  u cioe' daret fuq il-lemin.

It-Tribunal jinnota lli skond rapport tal-Pulizija, il-hsarat fil-vetturi kienu jikkonsistu  fuq il-'*bumper'* ta' wara u l-*mudguard* tax-xellug  u l-lemin tal-vettura misjuqa minn Muscat, fil-waqt illi l-hsarat fit-trakk kienu fuq il-*mud guard* u l-*bumper*  xellugija. Ma ttiehed ebda skizz peress illi illi s-sewwieq Zarb ma waqfx mall-habta.

Huwa pacifiku li min ikun qieghed jaghmel sorpass illi jiehu hsieb u joqghod attent lli il-manuvra jista' jaghmilha minghajr ma jipperikola l-vettura ta' quddiemu jew ta' xi traffiku li jkun gej minn quddiemu. F'dan il-kaz jidher illi din kienet kareggata fejn tghaddi vettura wahda biss. Ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal dak li kien qed jaghmel is-sorpass gandu jiehu hsieb lli kellu bizzejjed spazju sabiex jaghmel is-sorpass u ma jfixkielx l-vettura ta' quddiemu.

Regola importantissima ghas-sorpass hi li dan ghandu jsir b'sikurezza. Il-Gurisprudenza nostrana tamplifika diversi kazijiet fosthom: App Krim. Pulizija vs Manwel Mallia kollez. VolXL.III p 1001. Fil-kawza Borda vs Ciantar deciza in parte fid-9 ta' Novembru, 1968 il-Qorti rriteniet illi l-*onus* tal-prova li sewweieq tal-vettura ta' quddiem kien negligenti u bin-negligenza tieghu kkaguna l-kollizjoni jaqa' fuq is-sewwieq tal-*overtaking vehicle.* Fil-Highway Code insibu l-kliem fit-tmiem '*if in doubt – hold back*.'

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li l-verzjoni ta' Zarb hija inverosimili. Illi Maryanne Muscat sofriet danni fattwali, valutabbli u ippruvati fl-incident in kwistjoni u li ma kienetx negligenti jew imprudenti fis-sewqan taghha. It-Tribunal huwa konvint illi kienet il-manuvra tas-sewwieq tat-trakk u cioe' Bruce Zarb li kagunat l-incident.

Illi fil-kaz odjern, it-Tribunal ikkonstata li l-eccezzjoni tal-legittimu kuntradittur ghandu jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonjiet tas-socjeta' konvenuta fil-waqt illi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija u sittin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (LM760.92) lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra uficjali tat-22 ta' April, 2004 u bl-imghax dekoribbli mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Spejjez tal-kawza a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------